# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D

## Rikors Numru: 16/2017

**Helena Maria sive Helma Muscat Doublesin (KI 590650M), Natale Falzon (KI 87362M), J&A Investments Limited (C32399), Sands Developments Limited (C10040) u Tigu Complex Limited (C71054)**

**Vs**

**Maria sive Marisa Spiteri (KI 717035M), Frank Spiteri (KI 151167M), Malcolm Spiteri (KI 451970M), Fiona Spiteri (KI 44864M) u Hotels & Restaurants Catering Co. Limited (C4447)**

**Illum, 7 ta' Mejju 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikorsipprezentat minn Helena Maria sive Helma Muscat Doublesin, Natale Falzon, J&A Investments Limited, Sands Developments Limited u Tigu Complex Limited fl-20 ta' Jannar, 2017, fejn talbu li l-konvenuti Maria sive Marisa Spiteri,

Frank Spiteri, Malcolm Spiteri, Fiona Spiteri u Hotels & Restaurants Catering Co. Limited jigu kkundannati jhallsu solidament bejniethom is-somma ta' disat elef disa' mija u sitt Euro (€9,906), oltre l-imghax legali mill-20 ta' Ottubru, 2015 rapprezentanti hlasijiet ta' installazzjoni tal-meters tad-dawl u ilma ghal Tigullio Restaurant illum Tigu Complex fi Triq Wied Ghomor, San Giljan, skont ricevuta annessa u mmarkata bhala Dokument A liema meters gew maghluqa minnhom jew min-nies minnhom imqabbda minkejja li obbligaw ruhhom li jirritornawlhom il-fond adebit bl-imsemmija meters tad-dawl u ilma u li kellhom idawruhom ghal fuq isimihom ai termini tal-iskritturi hawn taht imsemmija liema obbligu huwa naxxenti mill-ftehim tal-14 ta' Jannar 2005 redatt min-Nutar Pierre Attard anness u mmarkat bhala Dokument B, kif ukoll mis-Settlement Agreement tas-27 ta' Novembru 2013 li kopja tieghu qed tigi annessa u mmarkata bhala Dokument C rispettivament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tat-8 ta' Novembru, 2016 u bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta tal-konvenuti kollha fejn gie eccepit is-segwenti:-

1. "*Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez. Illi ssir riferenza ghad-dokument markat "C" esesebit mill-atturi stess u senjatament ghall-klawsola (4) fejn jinghad espressament illi "*for the sake of good order there also appear on this agreement the second party (*u cioe' l-intimati personalment*) and thus three parties (*u cioe' il-kontendenti*) declare that saving for what has been agreed in this agreement, they have absolutely no further claims and or pretensions of whatsoever the nature reciprocally against each other.*"*

2. *Isegwi ghalhekk li t-talbiet attrici ma jistghux jintlaqghu u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez.*"

3. *Salvi eccezzjonijiet ohra."*

Rat illi din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta permezz ta' digriet ta' assenjazzjoni moghti mis-S.T.O. il-Prim'Imhallef, b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat it-traskrizzjonijiet tax-xhieda li nstemghu minn din il-Qorti diversament preseduta;

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti u l-provi kollha l-ohra prodotti mill-partijiet;

Rat l-atti kollha;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-atturi pprezentata fit-23 ta' Jannar 2019 u rat ukoll in-Nota tal-osservazzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fit-12 ta' Frar 2019;

Rat illi l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

It-talba tal-atturi f'din il-kawza hija ghall-hlas ta' somma rapprezentanti ammont ta' flus imhallas ghall-istallazzjoni ta' arloggi tad-dawl u ilma li allegatament gew maqlugha mill-konvenuti mill-fond illum maghruf bhala Tigu Complex gewwa Triq Wied Ghomor, San Giljan. Din it-talba hija fondata fuq l-allegazzjoni li l-konvenuti kellhom l-obbligu jirritornaw il-fond lill-atturi munit bil-meters tad-dawl u ilma billi jdawru l-imsemmija arloggi f'isem l-atturi, liema obbligu skont l-atturi huwa naxxenti

minn zewg skritturi, wahda datata 14 ta' Jannar 2005 (Dok. B) u l-ohra datata 27 ta' Novmbru 2013 (Dok. C).

Il-konvenuti jilqghu ghat-talba tal-atturi bl-eccezzjoni illi l-atturi ma ghandhom ebda jedd kif minnhom pretiz stante illi fl-iskrittura konkluza fis-27 ta' Novembru 2013 (Dok. C), il-kontendenti odjerni kienu lkoll iddikjaraw illi salv ghal dak miftiehem fl-istess skrittura, ma ghandhom l-ebda pretensjonijiet ohra kwalsiasi fil-konfront ta' xulxin.

**<u>PROVI</u>**

Il-Qorti hadet konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti kif ukoll ta':-

- L-Affidavit tal-attrici Helena Maria sive Helena Muscat Doublesin[1];
- L-Affidavit tal-attur Joseph Xuereb[2];
- L-Affidavit tal-attur Natale Falzon[3];
- Ix-xhieda ta' Jean Pierre Peresso u l-PL Quentin Tanti[4];
- Ix-xhieda ta' Rueben Bonnici[5];

---

[1] Fol. 28 *et seq*.

[2] Fol. 40 *et seq.*

[3] Fol. 42 *et seq*.

[4] Seduta 8 ta' Gunju 2017.

[5] Seduti 8 ta' Novembru 2017, 14 ta' Frar 2018 u 21 ta' Marzu 2018.

- Ix-xhieda in kontro-ezami tal-attrici Helma Muscat Doublesin[6] u tal-attur Natale Falzon[7];
- L-Affidavit tal-konvenut Frank Spiteri[8] u x-xhieda tieghu in kontro-ezami.

Ikkunsidrat;

Huwa mehtieg qabel xejn illi jigi mistharreg il-kontenut tal-iskritturi konkluzi bejn il-partijiet fl-14 ta' Jannar 2005 u fis-27 ta' Novembru 2013 li skont l-atturi jikkostitwixxu l-kawzali ghat-talba taghhom f'din il-kawza, u dan sabiex tiddetermina l-jeddijiet li gew rizervati favur l-atturi fil-konfront tal-konvenuti u jekk fosthom, jinkwadra dak l-obbligu li proprju jifforma l-fondament tat-talba tal-atturi.

Il-fatti tal-kaz li dwarhom m'hemmx kontestazzjoni, kif jirrizultaw mill-atti processwali, huma kif gej:-

- Uhud mill-atturi[9] huma l-attwali utilisti tal-*utile dominium* temporanju tal-fond illum maghruf bhala Tigu Complex gewwa Triq Wied Ghomor, San Giljan;

[6] Seduta tal-21 ta' Gunju 2018.

[7] Seduta 13 ta' Gunju 2018.

[8] Fol. 185 *et seq*.

[9] Filwaqt li jirrizulta illi s-sehem ta' Sands Development Limited giet akkwistata mis-socjeta` J&A Developments Limited, ma jirrizultax illi s-socjeta` attrici Tigu Complex Limited hija wahda mill-utilisti tal-utile dominju temporanju tal-fond u fil-fatt lanqas kienet firmatarja fuq l-iskritturi tal-14 ta' Jannar 2005 (Dok. B) u tas-27 ta' Novembru 2013 Dok. C).

- Is-socjeta` Neptune Hotel Company Limited kienet is-sub utilista temporanja tal-fond u b'skrittura tal-5 ta' Gunju 1979 kienet ikkoncediet lis-socjeta` Hotels and Restaurants Catering Company Limited, titolu ta' lokazzjoni fuq dan l-istess fond;

- Illi l-kawza li kienet giet istitwita mill-utilisti tal-fond *inter alia* ghar-rizoluzzjoni tal-lokazzjoni koncessa minn Neptune Hotel Limited lis-socjeta` Hotels and Restaurants Catering Company Limited[10], giet transatta permezz tal-ftehim datat 14 ta' Jannar 2005 (Dok. B) li bis-sahha tieghu fost ohrajn, giet rizolta l-imsemmija koncessjoni lokatizzja fuq il-fond, gie miftiehem ammont ta' kumpens dovut lis-socjeta` Hotels and Restaurants Catering Company Limited u pagabbli mill-utilisti, u l-istess fond gie ritornat lura lill-utilisti. Il-partijiet fuq dan il-ftehim, fil-klawsola numru 4 tal-istess ftehim (fol.11) ftiehmu wkoll hekk:-

"*Il-partijiet jiftiehmu illi jekk l-Atturi*[11] *jkollhom ihallsu xi ammont ta' flus sabiex jigi ripristinat is-servizz tad-dawl jew ilma kif ukoll lil kull awtorita` kompetenti rigwardanti l-permessi ghal gestjoni tas-Sit, in kwantu dan jikkoncerna hlas ta' arretrati ta' kontijiet, allura dan l-ammont ghandu jitnaqqas mis-somma hawn fuq indikata bhala kumpens. Il-Konvenut*[12] *jobbliga ruhu li jaghmel dak kollu li jkun hemm bzonn biex il-metres tad-dawl u tal-ilma jigi trasferiti fuq l-Atturi.*"

---

[10] Numru 52/1989 fl-ismijiet **Natale Falzon et vs Frank Spiteri nomine** – vide fol 8.

[11] "L-Atturi" fuq il-ftehim huma Natale Falzon, Helena Maria sive Helma Muscat Doublesin, Sands Developments Limited u ghal kull interess li jista' jkollu, Joseph Muscat Doublesin.

[12] Fuq il-ftehim ir-referenza ghall-"Konvenut" hija referenza ghas-socjeta` Hotels and Restaurants Catering Company Limited.

- Illi sussegwentement, is-socjeta` Hotels and Restaurants Catering Company Limited istitwiet kawza[13] kontra whud mill-atturi fil-kawza odjerna, fejn talbet il-hlas tal-bilanc tal-ammont lilha dovut kif gia` maqbul fil-ftehim tal-14 ta' Jannar 2005, liema kawza giet transatta bonarjament bejn il-partijiet permezz tal-iskrittura intestata 'Settlement Agreement', datata 27 ta' Novembru 2013 (Dok. C).

- F'dan il-ftehim gie dikjarat hekk fil-klawsola 4:

  "*For the sake of good order there also appear on this agreement the second party*[14] *and thus the three parties declare that* ***saving for what has been agreed in this agreement they have absolutely no further claims and pretensions of whatever the nature reciprocally against each other***." [enfasi tal-Qorti]

- Gie dikjarat ulterjorment is-segwenti (klawsola 6) fuq il-ftehim Dok. C:-

  "*First*[15] *and Second Party bind themselves to* ***sign all documents necessary for the transfer of water and electricity meters*** *re: Tigullio Complex, St. Julian's.*" [enfasi tal-Qorti]

- L-atturi jghidu illi huma skoprew illi l-arlogg tad-dawl tal-fond kien intestat lis-socjeta` Visamar Limited u kien gie maqlugh, u sabiex il-fond jerga' jigi attrezzat bid-dawl, huma kellhom jistallaw meter tad-dawl gdid. Din is-

[13] Numru 1208/2011 fl-ismijiet **Hotels and Restaurants Catering Company Limited vs Natale Falzon et** – vide fol. 17.

[14] Il-konvenuti f'din il-kawza Maria sive Marisa Spiteri, Frank Spiteri, Malcolm Spiteri u Fiona Bonnici.

[15] Il-konvenuta odjerna Hotels and Restaurants Catering Company Limited.

socjeta` Visamar Limited ma għadhiex tezisti wara li giet mneħħija mir-Registru tal-Kumpanniji b'effett mill-11 ta' Ottubru 2005[16].

- L-attur Natale Falzon applika għall-istallazzjoni ta' meter tad-dawl fil-fond fit-30 ta' Lulju 2015 (Dok. Z1).

- Fl-20 ta' Ottubru 2015 is-socjeta` attrici Tigu Complex Limited ħallset is-somma ta' €9,906 lil Enemalta plc sabiex jigi istallat meter tad-dawl li gie eventwalment registrat f'isem l-attur Natale Falzon[17].

Ikkunsidrat;

It-tezi tal-atturi f'din il-kawza hija illi l-obbligu assunt mill-konvenuti fl-iskrittura Dok. C, cioe` "*to sign all documents necessary for the transfer of water and electricity meters re: Tigullio Complex, St. Julian's*" għandu jinftiehem sabiex jestendi wkoll għall-ħlas tal-ispejjez biex effettivament gie istallat meter tad-dawl gdid fil-fond, u dan wara li huma skoprew li l-konvenuti jew xi ħadd inkarigat minnhom, neħħew il-meter li kien hemm fil-fond u b'hekk ma kienx għadu possibbli illi dan il-meter jigi trasferit f'isimhom. Isostnu wkoll illi l-konvenuti kellhom l-obbligu li jirritornawlhom il-fond debitament munit bis-servizz tad-dawl u ilma.

Huwa risaput illi in materja ta' kuntratti, il-principju baziku jibqa' dak ta' '*pacta sunt servanda*'. Dan in kwantu l-kuntratt għandu saħħa ta' ligi għal dawk li jagħmluh[18] u

[16] Dok. MFSA, fol. 45 *et seq*.

[17] Xhieda Rueben Bonnici, 14 ta' Frar 2018.

ma jistax jigi mhassar hlief bil-kunsens ta' xulxin jew ghal ragunijiet mil-ligi maghrufa[19]. Huwa inoltre mistenni, bhala korollarju tal-principju tal-*pacta sunt servanda*, illi l-kuntratti jigu esegwitu bil-buona fede u in effetti jobbligaw mhux biss ghal dak li jinghad fihom izda ukoll ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha l-obbligazzjoni skond ix-xorta taghha, bl-ekwita`, bl-uzu jew bil-ligi[20].

Illi l-principji generali li jirregolaw l-interpretazzjoni tal-kuntratti jinsabu fid-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 1002 sa 1009 tal-Kodici Civili. F'sentenza tad-29 Novembru 2001 fl-ismijiet ***General Cleaners Co. Ltd. vs Accountant General et***, citata b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell f'sentenza recenti[21], gie ritenut hekk:-

*"Jibda biex jinghad illi bhala principju generali, l-ligi u senjatament l-artikolu 1002 tal-Kodici Civili jghid illi "Meta l-kliem ta` konvenzjoni, mehud fis-sens li ghandu skond l-uzu fiz-zmien tal-kuntratt, hu car, ma hemmx lok ghal interpretazzjoni". Il-principju kardinali li jirregola l-istatut tal-kuntratti jibqa` dejjem dak li l-vinkolu kontrattwali ghandu jigi rispettat u li hi l-volonta` tal-kontraenti kif espressa fil-konvenzjoni li kellha tipprevali u trid tigi osservata. Pacta sunt servanda". (A.C. 5 ta` Ottubru, 1998 - "Gloria mart Jonathan Beacom et vs L-Arkitett u Inginier Civili Anthony Spiteri Staines").*

Bhala punt ta' tluq, il-Qorti tibda billi tosserva illi l-partijiet fuq l-iskrittura Dok. C iffirmata fis-27 ta' Novembru 2013, wara li ttransigew il-mertu tal-kawza oggett ta' dak il-ftehim, iddikjaraw fil-klawsola numru 4 illi "*saving for what has been agreed in*

---

[18] Artikolu 992(1) tal-Kodici Civili.

[19] Artikolu 992(2) tal-Kodici Civili.

[20] Artikolu 993 tal-Kodici Civili.

[21] MAC Properties Limited vs Madliena Village Limited, deciza 27 ta' Ottubru 2017.

*this agreement they have absolutely no further claims and pretensions of whatever the nature reciprocally against each other".*

Kif inghad, precedentement ghal dan is-Settlement Agreement, jirrizulta illi l-partijiet kellhom diversi pretensjonijiet reciproci in konnessjoni mal-istess fond mertu ta' din il-kawza. Infatti, uhud mill-partijiet kienu dehru fuq il-ftehim tal-14 ta' Jannar 2005, li permezz tieghu l-pussess tal-fond *de quo* kien gie ritornat lill-utilisti wara r-rizoluzzjoni tal-kirja li kienet giet koncess favur is-socjeta` Hotels and Restaurants Catering Company Limited, li kienet ukoll fuq dak il-ftehim intrabtet li taghmel tajjeb ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mar-ripristinar tas-servizz tad-dawl u ilma fil-fond u sabiex taghmel dak kollu mehtieg ghat-trasferiment tar-registrazzjoni tal-meters tad-dawl u ilma f'isem l-utilisti.

Il-Qorti wara li qrat l-imsemmija skrittura tal-14 ta' Jannar 2005, ma tistax taqbel mal-atturi li xi hadd mill-konvenuti odjerni kien intrabat li jirritorna l-fond munit bis-servizz tad-dawl u ilma: il-pussess tal-fond inghata lura lill-utilisti bis-sahha tal-iskrittura tal-14 ta' Jannar 2005, u gie dikjarat illi l-fond kien qed jigi accettat fl-istat li kien jinsab fih, minghajr rizervi hlief dawk espressament elenkati fil-ftehim[22]. Ghall-Qorti huwa evidenti li r-ripristinar tas-servizz tad-dawl u ilma kien prerogattiv rizervat lill-utilisti izda bl-obbligu korrispondenti tas-socjeta` Hotels and Restaurants Catering Company Limited illi taghmel dak kollu necessarju biex dan isir inkluz, okkorrendo wkoll illi tbati l-ispejjez konnessi mar-ripristinar tas-servizz. Ghaldaqstant, ma jirrizultax illi b'dan il-ftehim l-atturi akkwistaw id-dritt minnhom pretiz fir-Rikors promotur, cioe` ghar-ritorn tal-fond munit bil-meters tad-dawl u ilma.

[22] Klawsola 1.2 *et seq*. Dok. B.

Madanakollu, kienu x'kienu d-drittijiet u obbligi naxxenti mill-ftehim tal-14 ta' Jannar 2005 (Dok. B), il-Qorti tqis illi meta l-partijiet kontraenti sussegwentement resqu ghall-iskrittura tas-27 ta' Novembru 2013, l-intendiment taghhom kien manifestament wiehed ta' rinunzja tal-pendenzi kollha li setghu ghad kellhom fil-konfront ta' xulxin.

Ikkunsidrat;

Illi huwa pacifikatament ritenut illi sabiex jitqies li hemm rinunzja ta' dritt, din trid tkun espressa u nieqsa minn kull ekwivoku, u peress li hija di *stretto diritto* din ghandha tirrizulta minn fatti assolutament inkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt u li juru li l-volonta` preciza tar-rinunzjant, u hija dejjem ta' interpretazzjoni stretta[23]. Dan l-insenjament gie ribadit fis-sentenza fl-ismijiet **Anthony Carabott vs BIM Limited**[24] fejn inghad illi l-kuncett ta' rinunzja fid-decizjonijiet nostrali huwa mibni fuq is-segwenti elementi u cioe`:-

"(1) "*La rinunzia ad un diritto, perche' si possa ritenere tale, deve risultare da espressioni chiare ed univoche, e non gia da espressioni generiche". (**Kollez. Vol. XXVIII PIII p 1154**).*

(2) "*Qualunque rinunzia, non essendo generale e specifica, non riceve che stretta interpretazione, in guise che in dubbio s' intenda rimesso quanto meno sia possibile" (**"Sciberras -vs- Giappone**, Qorti Civili, Prim'Awla, 12 ta' Ottubru 1840)".*

(3) *"Ir-rinunzji huma di stretto diritto u ghandhom jirrizultaw minn fatti assolutament inkonciljabbli mal-konservazzjoni tad-dritt u li juru l-volonta preciza tar-rinunzjant"*
*- "**Henry Thake -vs- Carmel sive Lino Borg**", Appell, Sede Inferjuri, 25 ta' Novembru 1986.*

---

[23] **Emanuel Caruana et vs Robert Cutajar et** – deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili 28 ta' Novembru 2008.

[24] Deciza mill-Qorti tal-Appell (Inf.) fis-27 ta' Ottubru 2011.

(4) *"In kwantu ghall-ezami dwar in-natura ta' l-att u l-effikacja tieghu biex jopera r-rinunzja, dan l-ezami huwa rimess ghall-apprezzament tal-gudikant, li ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha li fihom gie kompjut l-att" (**Kollez. Vol. XXXIV P II p 646**).*

Applikat dan l-insenjament fil-kaz odjern, il-Qorti ma ghandha ebda diffikolta` tqis illi meta l-kontraenti fuq l-iskrittura tas-27 ta' Novembru 2013 (Dok. C) ddikjaraw illi "*saving for what has been agreed in this agreement they have absolutely no further claims and pretensions of whatever the nature reciprocally against each other"*, huma kienu qeghdin jirrinunzjaw definittivament u f'termini mill-iktar specifici u inekwivoci, ghal kwalsiasi pretensjonijiet reciproci li setghu kellhom, mhux biss rigward il-mertu tal-kawza li giet transatta permezz ta' dak il-ftehim izda wkoll anterjorment, inkluz ghalhekk dawk li kienu naxxenti mill-ftehim datat 14 ta' Jannar 2005, salv naturalment ghal dawk l-obbligi u jeddijiet li l-partijiet kontraenti espressament irrizervaw favur taghhom fl-istess ftehim Dok. C.

Kif diga` stabbilit, permezz tal-ftehim tal-14 ta' Jannar 2005 kienet is-socjeta` Hotels and Restaurants Catering Company Limited li kienet intrabtet ghall-obbligu kostitwit fil-klawsola numru 4, cioe` ghall-hlas ta' kull ammont li jista' talvolta jigi mhallas mill-utilisti tal-fond sabiex jigi ripristinat is-servizz tad-dawl u ilma, kif ukoll sabiex taghmel "*dak kollu li jkun hemm bzonn biex il-metres tad-dawl u tal-ilma jigi ttrasferiti fuq l-Atturi*". Dawn l-obbligi specifici, izda, ma gewx riprodotti fuq il-ftehim sussegwenti tas-27 ta' Novembru 2013 li bis-sahha tieghu il-partijiet irrinunzjaw ghall-pretensjonijiet reciproci taghhom, u konsegwentement dawk l-obbligi specifici ma jistghux jitqiesu illi baqghu jorbtu lis-socjeta` Hotels and Restaurants Catering Company Limited, wisq anqas lill-konvenuti l-ohra f'din il-kawza, wara li saret dik ir-rinunzja.

Dak li jorbot illum huwa l-ftehim bejn il-partijiet konkluz fis-Settlement Agreement tas-27 ta' Novembru 2013. Izda, fil-fehma tal-Qorti, huwa manifest illi l-obbligu assunt mill-konvenuti, inkluz mis-socjeta` Hotels and Restaurants Catering Company Limited, fuq l-imsemmi ftehim Dok. C huwa ferm differenti minn, u ma giex imfisser fl-istess termini bhall-obbligi li kienu gew espressament assunti mis-socjeta` Hotels and Restaurants Catering Company Limited fuq il-ftehim tal-14 ta' Jannar 2005. Ghall-Qorti huwa evidenti ghalhekk illi l-ftehim (Dok. B), kwantu ghall-obbligi u jeddijiet naxxenti minnu, gie sorvolat mill-ftehim tas-27 ta' Novembru 2013 billi ma saret ebda rizerva ghal xi pretensjonijiet, obbligi jew drittijiet hlief ghal dawk naxxenti mill-ftehim tas-27 ta' Novembru 2013.

Ikkunsidrat;

L-iskrittura tas-27 ta' Novembru 2013 (Dok. C) tittratta esklussivament (i) il-ftehim ghall-hlas tal-kumpens dovut lis-socjeta` Hotels and Restaurants Catering Company Limited, (ii) it-transazzjoni tal-kawza pendenti u (iii) l-iffirmar tad-dokumenti relatati mat-trasferiment tal-meters tad-dawl u ilma tal-fond. Fil-fehma tal-Qorti il-kliem tal-konvenzjoni Dok. C huma cari u ftit li xejn jaghtu lok ghal ekwivoci dwar dak li ntrabtu bih il-konvenuti f'din il-kawza, liema konvenuti fuq dan il-ftehim jissejhu "*the First and Second Party*": evidentement, l-obbligu taghhom huwa unikament **ghall-iffirmar tad-dokumenti necessarju sabiex isir it-trasferiment tal-meters tad-dawl u ilma tal-fond, u xejn iktar**.

Fis-sentenza citata *supra* fl-ismijiet **General Cleaners Co. Limited vs Accountant General et**, il-Qorti tal-Appell qalet hekk in propositu:-

*"Illi l-gurisprudenza nostrali hi kostanti filli rriteniet li ma hiex ammissibbli li prova testimonjali kontra jew in aggjunta ghall-kontenut ta` att miktub u hi talvolta ammessa biex tikkjarifika l-intenzjoni tal-partijiet meta din hi espressa b`mod ambigwu" (Vol. XXXIV, P. III., p. 746). Jintqal inoltre illi "Il-Qrati jkunu obbligati jinterpretaw il-konvenzjoni meta f`kuntratt il-partijiet* ***ma jkunux spjegaw ruhhom car jew posterjorment ghall-kuntratt jintervjeni avveniment li jkollu bhala konsegwenza kwistjoni li ma tkunx giet preveduta u li kien hemm bzonn li tigi maqtugha****, u din ghandha tigi primarjament interpretata skond l-intenzjoni tal-partijiet li jkunu hadu parti fil-kuntratt u li tkun tidher car mill-kumpless tal-konvenzjonijiet" (Vol.XXIV, P. I., p.27) (ikkwotata fis-sentenza "Beacom vs Spiteri Staines" - ibid; "Suzanne Xuereb vs Gilbert Terreni" - P.A. RCP. 12 ta` Lulju 2001; "Anton Spiteri vs Alfred Borg" - P.A. RCP. 30 ta` Novembru 2000; "Emanuel Schembri vs Leonard Ellul" - P.A. RCP 30 t`Ottubru 2001).*

…

*Jirrizulta, u din hi anke r-ratio tal-ligi, (art. 1004 tal-Kodici Civili) illi l-interpretazzjoni li trid tinghata, meta klawsola tista` tfisser haga w ohra, din ghandha tinftiehem dik il-haga li biha jista` jkun hemm xi effetti milli dik il-haga li biha ma seta` jkun hemm ebda effett. Disposizzjoni li tirrifletti l-principju "in dubiis interpretatio capienda est, ut dispositio potius valeat quam pereat".* [enfasi tal-Qorti]

Il-Qorti tqis illi huwa relevanti wkoll dak li gie rapportat fis-sentenza fl-ismijiet ***Carmelo Morana vs Nutar Dr Joseph Spiteri et*** tas-26 ta' Mejju 1952[25], fejn il-Qorti tal-Appell, b'referenza ghar-regola *'contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur',* fissret il-principji li jirregolaw il-materja tal-interpretazzjoni tal-kuntratti, fejn fost ohrajn, wiehed isib illi:-

[25] Volum: XXXVI.i.119.

*"1. Meta l-kontraenti jinkorporaw fi skrittura l-ftehim ta' bejniethom, ghandu jigi prezunt li dak li riedu jiftehmu fuqu nizzluh f'dik l-iskrittura. … … …*

*"2. Ghalkemm huwa veru li provi orali jistghu jigu ammessi biex jigu elucidati punti oskuri ta' kitba, jew f'kazi ta' mpunjazzjoni ta' dik il-kitba, izda l-provi orali mhumiex ammissibbli biex ifissru dak li fih innifsu huwa diga' car (Appell 26 ta' Mejju 1941, in re "Attard vs Mamo", Kollez. Vol. XXXI.i.441);*

… … …

*"4. Il-principju 'contra testimonium scriptum testimonium non scriptum non fertur' jibqa' jsehh sakemm il-Qorti ma tkunx perswaza illi hemm zball fil-kuntratt, jew li thalla barra xi patt ghal xi raguni specjali: f'dawn il-kazijiet il-principji bazati fuq il-gustizzja u l-ekwita' ghandhom ikunu supremi (Appell 15 ta' Dicembru 1947 in re "Mercieca vs Pace", Kollez. Vol. XXXIII.i.603);"*

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, il-Qorti tqis li ma tistax taqbel ma' dak li xehdet l-attrici Helma Muscat Doublesin meta qalet illi l-obbligu tat-trasferiment tal-meters igib mieghu wkoll l-obbligu tal-hlas. Fil-fehma tal-Qorti l-obbligu tal-hlas m'huwiex prezunt mill-obbigu tat-trasferiment *ut sic*, u f'dan ir-rigward tqis ukoll illi l-kreditur ta' obbligazzjoni illi jrid serjament jorbot lid-debitur tieghu b'mod effettiv ghall-hlas tal-ammonti dovuti ghar-ripristinar tal-meters ghas-servizz tad-dawl u ilma fil-fond, kellu jfisser dan l-obbligu b'mod espress u univoku u mhux jillimita l-obbligu fil-konvenzjoni ghall-iffirmar tad-dokument necessarji ghat-trasferiment tal-istess meters. Izda fil-kaz odjern, jirrizulta illi l-obbligu kostitwit permezz tal-klawsola numru 6 tal-ftehim Dok. C, oltre li huwa definit f'termini cari, huwa ristrett ghal **azzjoni unika u specifika**, cioe` iffirmar ta' dokumenti. **It-tifsira ta' dan l-obbligu ma tistax tigi mgebbda b'tali mod li d-debitur ikun marbut ukoll ghal azzjonijiet ohrajn mhux konnessi mal-iffirmar tad-dokumenti mehtiega ghat-trasferiment tal-meters, wisq anqas ghall-hlas jew rifuzjoni ta' ammonti mhallsin ghall-istallazzjoni jew ripristinar ta' meters godda.**

Kuntrarjament ghal dak sottomess mill-atturi, il-Qorti tqis li ma jistghux isibu riskontru f'dan il-kaz, id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 1004 tal-Kodici Civili u dan ghaliex moqrija flimkien mal-klawsola numru 4 tal-ftehim tas-27 ta' Novembru 2013 u anke separatament, il-klawsola numru 6 (Dok.C) b'ebda mod ma tista' tfisser hag'ohra hlief illi l-uniku obbligu li ntrabtu bih il-konvenuti u li setghet baqghet marbuta biha s-socjeta` Hotels and Restaurants Catering Company Limited, huwa ghall-iffirmar tad-dokumenti necessarji ghat-trasferimenti tal-meters tad-dawl u ilma tal-fond u, b'applikazzjoni tal-istess Artikolu 1004 ghal xi obbligu ancillari li jipprokuraw il-firem sabiex isir dan it-trasferiment, u xejn iktar, u certament mhux ghall-hlas ta' spejjez konnessi ma' istallazzjoni ta' meters godda.

Huwa minnu illi, kif imfisser mill-Giorgi[26], illi jista' jaghti l-kaz illi l-kliem tal-konvenzjoni jkunu ekwivoci jew ambigwi u jistghu jaghtu lok ghal iktar minn tifsira wahda. F'dan il-kaz, ir-regola applikabbli ghandha tkun illi:-

*"Chi fa un atto giuridico intende principalmente farlo valido ed efficace: percio`, se una clausola e` suscettiva di due sensi, deve spiegarsi piuttosto in quello che puo` avere qualche effetto, anziche` nell`altro che non ne avrebbe alcuno."*

Izda f'dan il-kaz, l-obbligu ghall-hlas ghall-istallazzjoni ta' meters godda, ma tista' qatt tkun tifsira li tista' ragjonevolment tinghata lill-kliem uzati fil-ftehim tas-27 ta' Novembru 2013, anke jekk huwa koncess illi t-trasferiment tal-meters tad-dawl u ilma ma kienx possibbli jew ma setax isir mill-konvenuti firmatarji tal-imsemmi ftehim ghaliex dawn kienu registrati f'isem terzi.

[26] Vol. IV:' "***Obligazioni***", p. 200.

Biex waslet ghal din il-konkluzjoni, il-Qorti hadet qies ukoll tas-segwenti konsiderazzjonijiet.

Ikkunsidrat;

F'dan il-kaz, ma jirrizultax mill-atti meta effettivament l-atturi saru jafu illi l-fond ma kellux meters tad-dawl u ilma, jew meta saru jafu li dawn gew maqlughin u kellhom jigu istallati meters godda, u lanqas jirrizulta jekk il-meters kienux inqalghu qabel jew wara li l-fond gie ritornat lill-utilisti u minn min effettivament inqalghu. Inoltre, ghalkemm l-atturi jikkontendu illi kienu l-konvenuti li nehhew il-meters mill-fond, din l-allegazzjoni ma ssib ebda sostenn kwalsiasi mill-atti.

Dak li, izda, jirrizulta stabbilit mill-atti huwa illi l-atturi kienu ilhom li gew reintegrati fil-pussess tal-fond *de quo* sa mill-14 ta' Jannar 2005. Ghalhekk meta **iktar minn tmien snin wara**, gew biex jikkonkludu s-Settlement Agreement (Dok. C) u jirrinunzjaw ghall-pretensjonijiet li kellhom fil-konfront tal-konvenuti, il-Qorti tqis illi l-atturi kellhom ikunu ben konsapevoli tal-fatt illi l-fond kien sprovvist minn arloggi tad-dawl u ilma ghaliex dawn kienu maqlughin, galadarba kienu ilhom diversi snin fil-pussess esklussiv tal-fond.

Barra minn hekk, mill-provi akkwiziti jirrizulta illi fiz-zmien li gie konkluz is-Settlement Agreement, l-atturi diga` kienu jafu illi kien hemm pendenzi fuq il-meters tad-dawl u ilma tal-fond, u illi kien hemm ammonti dovuti fuq il-kontijiet relattivi lill-Korporazzjoni Enemalta jew entita` ohra: effettivament, bil-ftehim tal-14 ta' Jannar 2005 is-socjeta` Hotels and Restaurants Catering Company Limited kienet diga` intrabtet *inter alia* bl-obbligu tal-hlas tal-ammonti kollha dovuti sabiex isir it-trasferiment tal-meters.

Natale Falzon, meta xehed in kontro ezami[27], ukoll stqarr illi qabel huwa ffirma l-ftehim tas-27 ta' Novemru 2013 (Dok. C), huwa kien diga` jaf illi kien hemm pendenzi dwar il-kontijiet tad-dawl u ilma tal-fond u illi kien hemm kontijiet b'lura. Madanakollu, ma gie rizervat ebda jedd ghall-hlas ta' dawn il-kontijiet fil-ftehim tas-27 ta' Novembru 2013.

Inoltre, ghalkemm Joseph Xuereb fl-affidavit tieghu qal illi fiz-zmien meta gie konkluz il-ftehim Dok. C fis-27 ta' Novembru 2013 l-atturi ma setghux ikunu jafu bl-ispiza biex jigu istallati meters godda, ma nghatat ebda spjegazzjoni li ssostni din l-allegazzjoni u ma jirrizultax mill-atti x'kien l-allegat impediment li minhabba fih l-atturi ma setghux jiskopru li l-meters tal-fond kienu maqlughin jew illi l-arloggi ma kienux wara kollox registrati f'isem il-konvenuti.  Infatti, din il-verzjoni ta' Joseph Xuereb giet kontradetta b'mod assolut mill-attrici Helma Muscat Doublesin meta, b'referenza ghall-ftehim tas-27 ta' Novembru 2013 (Dok. C) xehdet hekk:-

*"Naf ili l-post in kwistjoni kien ilu maghluq zmien u l-meter qatt ma nstab u kont naf li m'hemmx meter fil-post."*

Minn dan jikkonsegwi ulterjorment illi l-atturi odjerni kellhom ukoll ikunu konxji, kieku hadu hsieb sew l-interessi taghhom fuq is-Settlement Agreement, illi l-arloggi tad-dawl u ilma ma kienux registrati f'isem il-konvenuti jew min minnhom izda f'isem kumpannija ohra li kienet ilha ma tezisti sa mill-2005 u konsegwentement, kellhom ikun jafu wkoll bid-diffikoltajiet biex dawn l-arloggi jigu trasferiti ghal fuq isimhom.  **Dan kollu jfisser illi l-htiega li jigu istallati meters godda ma setax kien**

[27] Seduta tat-13 ta' Gunju 2018.

**xi avveniment imprevvist jew imprevedibbli li nqala' wara l-konkluzjoni tal-iskrittura tas-27 ta' Novembru 2013**.

In propositu, il-Qorti ma tistax ma tosservax ukoll illi ghalkemm l-attur Natale Falzon jghid illi huwa sar jaf illi l-kont tad-dawl u ilma kien gie trasferit fuq Visamar Limited biss f'Awwissu jew Settembru 2015, din l-allegazzjoni mhux talli baqghet ma gietx sostanzjata talli l-atturi stess fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghhom, jirrikonoxxu espressament[28] illi **meta huma hadu lura l-pussess tal-fond tmien snin qabel fl-2005, kienu jafu li ma kienx hemm meter tal-ilma u illi ghar-rigward tal-meter tad-dawl, dan kien intestat lil Visamar Limited**.

Ikkunsidrat;

Huwa evidenti, fil-fehma tal-Qorti, illi dak imnizzel fil-ftehim tas-27 ta' Novembru 2013 m'huwiex kaz ta' zball, fejn il-partijiet riedu inizzlu xi haga differenti minn dak li effettivament tnizzel fil-kuntratt**:** jekk kien hemm zball dan kien biss da parti tal-atturi u mhux zball f'dak li riedu jfissru l-partijiet kontraenti kollha. Kif inghad, il-fatti dwar l-istat tal-arloggi fil-fond lanqas kien avveniment imprevist li nqala' wara l-iffirmat tal-ftehim Dok. C billi, kif stabbilit, dak iz-zmien l-utilisti tal-fond kellhom ikunu u effettivament kienu, ben konsapevoli tas-sitwazzjoni dwar il-meters tad-dawl u ilma u l-kontijiet u pendenzi relattivi. Kif intqal, il-prezunzjoni hija illi l-partijiet kontraenti jkunu nizzlu fl-iskrittura dak li riedu jiftiehmu fuqu u f'dan il-kaz ma ntweriex kif din il-presunzjoni ma ghandhiex issib applikazzjoni. Ghall-Qorti m'hemmx dubju illi l-klawsola numru 6 tal-ftehim Dok. C ma taghti ebda lok ghal interpretazzjoni differenti minn dak imfisser oggettivament mill-kliem uzati, u certament din il-klawsola ma tista' qatt tigi interpretata bil-mod li jridu l-atturi, cioe`

[28] Paragrafu 5 a fol. 209.

illi l-konvenuti huma obbligati ghall-hlas ta' spejjez ghall-istallazzjoni ta' meters tad-dawl jew tal-ilma fil-fond.

F'sentenza tal-14 January 2002 fl-ismijiet ***Nazzareno Vella noe et vs Joseph Abela noe et***, il-Qorti tal-Appell irriteniet in materja illi:-

"*Meta l-kliem ta' l-att huma cari l-interpretu ghandu joqghod ghal dan il-kliem u mhux jirrikorri ghall-kongetturi … Pero' fl-applikazzjoni tar-regoli ta' interpretazzjoni ma hijiex l-interpretazzjoni tal-kontendenti ghall-kliem tal-konvenzjoni jew is-sens divers minnhom lilhom moghti li jiswa imma hu l-qari oggettiv tal-gudikant li jaghti l-kliem is-sens ordinarju tieghu, fil-kuntest ta' kif gie uzat mill-kontraenti, li ghandu joqghod.*"

Ikkunsidrat ulterjorment;

Illi ghall-Qorti huwa wkoll immaterjali ghall-finijiet tad-domanda attrici f'din il-kawza, jekk il-konvenuti kienux jafu jekk il-meters tad-dawl u ilma kienux registrati f'isimhom jew f'isem Visamar Limited meta ffirmaw l-iskrittura tas-27 ta' Novembru 2013, u dan ghaliex kif diga` stabbilit, dakinhar il-fond kien ilu fil-pussess tal-atturi utilisti ghal iktar minn tmien snin. Dan il-perijodu ta' zmien, fil-fehma tal-Qorti, huwa altru minn bizzejjed biex l-istess utilisti fil-pussess setghu jaghmlu l-kostatazzjonijiet kollha mehtiega dwar l-arloggi tad-dawl u ilma biex jiehdu hsieb b'mod effettiv u effikacji l-interessi taghhom meta gew biex jirrinunzjaw definittivament ghall-pretensjonijiet li kellhom jew li kien ghad fadlilhom dak iz-zmien fil-konfront tal-konvenuti dwar dan il-fond.

Konformement, il-Qorti ma taqbel xejn mal-allegazzjoni tal-atturi li l-konvenuti ma mxewx in buona fede mal-atturi meta huwa manifest li l-atturi kienu konsapevoli bis-

shih tas-sitwazzjoni dwar il-meters tad-dawl u ilma fil-fond. Wara kollox, mhuwiex mistenni illi l-konvenuti, li kienu ilhom iktar minn tmien snin li rritonaw il-fond lura lill-utilisti atturi u ma kellhomx iktar x'jaqsmu mal-istess fond, ikunu jafu x'kienet is-sitwazzjoni korrenti tad-dawl u ilma fil-fond meta gie biex jigu ffirmat il-ftehim Dok. C fis-27 ta' Novembru 2013, u meta lanqas jirrizulta mill-atti jew mix-xhieda illi huma kienu ntalbu jaghtu taghrif lill-atturi dwar is-sitwazzjoni tad-dawl u ilma fil-fond, wisq inqas illi pprovdew xi taghrif invertijer. Fil-fatt, il-konvenut Frank Spiteri fl-Affidavit tieghu xehed illi wara li l-fond ghadda fil-pussess tal-utilisti atturi fl-14 ta' Jannar 2005, hu u hutu l-konvenuti ma kellhomx x'jaqsmu iktar mal-fond.

Ferm dak premess, il-Qorti ssibha ftit spjegabbli kif l-atturi, li kienu konxji li r-ripristinar tas-servizz tad-dawl u ilma ma setax isir bis-semplici transferiment tal-meters, esigew minghand il-konvenuti **biss l-obbligu ta' iffirmar tad-dokumenti biex isir trasferiment minghajr ma zammew ferm ukoll id-dritt ghall-hlas tal-pendenzi fuq dawn il-kontijiet relattvi u lanqas id-dritt ghall-hlas tal-ispejjez konnessi mar-riprisintar tas-servizz, kif wara kollox kienu diga` esigew meta gie konkluz l-ewwel ftehim tal-14 ta' Jannar 2005**.

Ma jirrizultax mill-atti x'kienet ir-raguni ghaliex id-dritt ghall-irkupru tal-ispejjez imhallsin ghar-riprisintar tas-servizzi tad-dawl u ilma, ma giex ribadit fil-ftehim tas-27 ta' Novembru 2013, izda l-Qorti hija konvinta illi l-vertenza li tat lok ghal din il-kawza, oltre ghall-mod infelici li bih gie redatt il-ftehim, hija talanqas in parti, attribwibbli lin-nuqqas evidenti tal-atturi milli jaghmlu l-verifiki mehtiega biex jissalvagawdjaw il-pozizzjoni taghhom dwar ir-riprisintar tas-servizz tad-dawl u ilma fil-fond.

Dawn huma ragunijiet li certament ma jistghux jitqiesu li huma imputabbli lill-konvenuti u l-Qorti tqis illi fi kwalsiasi kaz, il-konvenuti ma jistghux jigu tenuti li

ntrabtu b'obbligazzjoni ghall-hlas tal-ispejjez inkorsi ghar-ripristinar tad-dawl fil-fond meta huwa manifest mhux biss illi dan l-obbligu ma jirrizulta mkien fil-ftehim tas-27 ta' Novembru 2013 (Dok. C), izda wkoll illi kien hemm rinunzja definittiva fl-istess ftehim ghal kwalunkwe pretensjonijiet ohrajn pendenti bejn il-partijiet inkluz dawk naxxenti mill-ftehim tal-14 ta' Jannar 2005 (Dok. B).

**DECIDE**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, tichad it-talba tal-atturi, bl-ispejjez jigu sopportati mill-istess atturi.**

**Dr. Rachel Montebello**

**Magistrat.**